PERSUNAĠĠ

# Il-Kanonku Dun Karm Calleja (1927-2013)



WINSTON L. ZAMMIT, B. A. (HONS), P.G.C.E., M. ED.

Kien nhar l-Erbgħa, 4 ta' Settembru 2013 waranofsinhar meta ċempel it-telefon u l-ħabib tiegħi Andrew Borg minn San Ġiljan tani l-aħbar tal-mewt tal-Kanonku Dun Karm Calleja, li kont ili nafu għal dawn l-aħħar 33 sena, u li kelli wkoll l-opportunità li naħdem miegħu. Il-mewt tiegħu ġrat biss xahar wara li kien għalaq sittin sena saċerdot, billi huwa kien ġie ordnat saċerdot fit-2 ta' Awwissu 1953.

Minħabba dan l-avveniment is-sena l-oħra fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' San Ġiljan diversi pubblikazzjonijiet li nħarġu minn diversi għaqdiet fi ħdan din il-parroċċa taw tagħrif mistħoqq dwar il-Kanonku Dun Karm Calleja, li tul sittin sena (1953-2013) wettaq il-ministeru saċerdotali tiegħu fil-Parroċċa ta' San Ġiljan. F'dan l-artiklu mhux se nirrepetu t-tagħrif li diġà deher, iżda se nfittxu li nagħtu informazzjoni oħra.

**Saċerdot**

Dun Karm ġie ordnat suddjaknu f'ordinazzjoni li saret fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fit-3 ta' Awwissu 1952.[1] Sena wara fit-2 ta' Awwissu 1953 ġie ordnat saċerdot flimkien ma' Dun Guido Calleja, li kien kappillan ta' San Ġiljan bejn l-1956 u l-1965. Wara l-ordinazzjoni Dun Karm iċċelebra żewġ quddisiet solenni, waħda f'San Ġiljan fid-9 ta' Awwissu 1953 u l-oħra fil-Bażilka Elenjana nhar is-17 ta' Awwissu

1953, lejlet il-festa ta' Santa Liena, meta qaddes il-quddiesa tat-*Te Deum*. F'din l-okkażjoni ġiet esegwita l-quddiesa ta' Perosi mis-Surmast J. Grima.[2]

### Kanonku Elenjan

Wara l-ordinazzjoni tiegħu beda jwettaq il-ministeru pastorali tiegħu fil-Parroċċa ta' San Ġiljan iżda qatt ma nesa r-rabta tiegħu ma' Birkirkara. F'Jannar 1980 wieħed mill-kanonikati tal-Fundazzjoni Filippu Borgia safa vojt bil-promozzjoni ta' Mons. Dun Vincenz Borg bħala Kanonku tal-Katidral. Fis-Seduta Kapitulari tat-28 ta' Frar 1980 Dun Karm ġie elett mill-Kapitlu bħala wieħed mill-kanonċi tal-fundazzjoni Filippina. Niftakar li ltqajt miegħu ftit wara f'San Ġiljan u fraħtlu.

Dun Karm ħa l-pussess tal-Kanonikat nhar is-Sibt 23 ta' Awwissu 1980 filgħodu wara quddiesa solenni bit-*Te Deum*. Iċ-ċerimonja tal-pussess tmexxiet mill-Vigarju Ġenerali Mons. Arċidjaknu CarmeloXuereb,assistitmill-Kan.Prepostu Arċipriet Mons. J. Sciberras Psaila J.U.D. u mill-Kan. Dun Vincenz Saliba. Wara sar riċeviment fl-Awla Kapitulari.

Dakinhar stess filgħaxija, Dun Karm ħa sehem fl-ewwel funzjoni bħala kanonku meta bħala wieħed mill-kanonċi l-inqas anzjani assista lill-Prepostu Arċipriet waqt t-Transulazzjoni Solenni u l-*Primi Vespri*.

Bħala kanonku Dun Karm daħal għall-obbligi marbutin mal-kanonikat tiegħu, li kienu r-reċti tal-Uffizju Divin kuljum filgħodu fil-kor, meta jkun imissu; l-attendenza għall-kor fil-Ħdud u festi kmandati u ċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa konventwali. Bħala kanonku Dun Karm kien imexxi l-funzjonijiet. Hekk insibu li nhar il-festa tas-Salib (2.V.1992) Dun Karm mexxa l-konċelebrazzjoni solenni u wara l-purċissjoni bir-relikwa tas-Salib Imqaddes u bil-vara ta' Sant'Elena. Imbagħad fit-18 ta' Awwissu 1993 f'waħda mill-jiem tat-tridu tal-festa titulari ta' Sant'Elena, Dun Karm mexxa konċelebrazzjoni solenni b'tifkira tal-40 sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu.


Caritas Christi
urget nos
S. Paulus

Dear God,
Be a token
of my gratitude:
Bless all those
who have helped me
to the altar,
and give them
special graces.

REV. CARMEL CALLEJA

St. Julian's
9-viii-53

B'cara
17-viii-53

St. John's
2-viii-53

Fuq wara ta' din is-santa kommemorattiva jidhru t-tliet dati importanti: tal-ordinazzjoni (2.viii.53) tal-*prima messa* f'San Ġiljan (9.viii.53) u l-oħra li għamel fil-Bażilka Elenjana (17.viii.53) proprju lejlet il-festa ta' Sant'Elena.

**Amministratur Ġenerali**

Il-Kapitlu Elenjan inqeda bis-servizz tal-Kanonku Calleja billi ħatru amministratur ġenerali tal-Kolleġġjata. Hawnhekk ħadem biex inġabru d-dokumenti b'rabta mal-proprjetà tal-Kolleġġjata u kien hawn li kelli x-xorti li naħdem miegħu, u ta' dan il-kontribut tiegħi rajt r-rikonoxxenza tiegħu u tal-istess kapitlu.[3]

**F'San Ġiljan**

Filwaqt li kien jaqdi d-doveri tiegħu bħala Kanonku Elenjan, Dun Karm baqa' jaqdi l-ministeru pastorali f'San Ġiljan. Fit-28 ta' Awwissu 2013, f'għeluq il-50 sena tas-Saċerdozju, fakkar dan l-avveniment waqt il-quddiesa tal-għaqdiet fit-tridu tal-festa titulari ta' San Ġiljan fil-knisja parrokkjali tal-post.[4] Wara l-mewt ta' Dun Fortunato Axiaq, Dun Karm inħatar Rettur tal-Knisja tal-Kunċizzjoni li hemm fil-bajja ta' Spinola, fejn kien iqaddes kuljum filgħaxija mit-Tnejn sal-Ġimgħa.[5]



Ritratt li jfakkar fiż-żmien li Dun Karm għadda l-Vatikan f'żgħożitu.

**L-Aħħar Xahar ta' Dun Karm fostna**

Fit-2 ta' Awwissu 2013 ħabat is-sittin anniversarju tal-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. Nhar it-Tlieta 13 ta' Awwissu 2013 Dun Karm kien preżenti fil-Bażilka Elenjana għall-ewwel quddiesa solenni tas-saċerdot novell Dun Leonard Mintoff, u kien wieħed mill-parrinijiet flimkien mal-Kanonku Dun Paul Gauci, li kien ġie ordnat saċerdot fl-istess jum miegħu.

Is-Sibt 17 t'Awwissu 2013 Dun Karm kien fil-Bażilka Elenjana fejn ħa sehem fil-funzjoni solenni ta' Lejlet il-Festa. L-għada filgħodu, it-18 ta' Awwissu, mat-tokki tat-tmienja bdiet ħierġa l-purċissjoni bil-vara titulari ta' Sant'Elena, u Dun Karm minkejja l-età avvanzata tiegħu ħa sehem fl-ewwel parti tal-purċissjoni. Kont fis-sagristija xħin daħal lura u kelli konverżazzjoni qasira miegħu, u qalli li bħas-soltu kien sejjer iqaddes fil-lukanda. Kienet l-aħħar darba li kellimtu.

Il-ġimgħa ta' wara f'San Ġiljan bdiet iċ-ċelebrazzjoni b'rabta mal-festa titulari, u nhar il-Ħamis 22 t'Awwissu 2013, fit-tieni jum tat-tridu Dun Karm mexxa konċelebrazzjoni fil-Knisja Parrokkjali fl-okkażjoni tal-ġublew tad-djamanti tal-ordinazzjoni tiegħu (1953-2013). F'din l-okkażjoni pprietka l-kappillan Dun Claude Portelli, għalkemm fi tmiem il-



Ritratt ieħor mill-imgħoddi ta' Dun Karm Calleja, meta kien fl-aqwa tiegħu, impenjat, tista' tgħid f'kull qasam tal-ħidma pastorali fil-parroċċa ta' San Ġiljan.

quddiesa Dun Karm ma żammx lura milli jagħmel il-kelmtejn tiegħu wkoll.

Is-Sibt filgħodu fl-24 ta' Awwissu, qaddes il-quddiesa tat-*Te Deum* fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan, u dan għamlu minkejja li filgħodu kmieni kien waqa' d-dar tiegħu stess u wasal il-knisja bid-demm iċarċar. Huwa insista mal-kappillan li l-quddiesa ried jagħmilha xorta waħda, iżda l-kappillan sadanittant laħaq ċempel għall-ambulanza biex tieħdu l-isptar. Il-quddiesa tat-*Te Deum* kellha tkun l-aħħar waħda tiegħu, għax wara daħal l-isptar u ma ħarigx minnu ħaj. Huwa dam hemm sal-4 ta' Settembru 2013 meta radd ruħu lil Alla.

**Il-Funeral**

Il-funeral tiegħu sar il-Ġimgħa 6 ta' Settembru 2013. Filgħodu l-katavru tiegħu kien espost fil-Knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-Bajja ta' Spinola u wara ttieħed fil-Knisja ta' San Pawl fil-wied ta' Birkirkara, fejn ġie espost ukoll. Waranofsinhar ir-Reverendissimu Kapitlu Elenjan ittrasporta l-katavru tiegħu f'korteo sal-Bażilka Elenjana. F'dan il-korteo ħadu sehem bħala *mass band* iż-żewġ baned Ġiljaniżi, il-Banda San Ġiljan u s-Soċjetà Mużikali Spinola. Fil-Bażilka Elenjana l-Vigarju Ġenerali Mons. Isqof Charles Scicluna mexxa l-konċelebrazzjoni li fiha ħadu sehem membri tal-Kapitlu Elenjan u saċerdoti oħra, fosthom il-Kappillan ta' San Ġiljan Dun Claude Portelli u u l-ex-kappillani Dun Ġwann Galea u Dun Tony Agius.[6]

RIFERENZI


1 *Times of Malta*, 4.VIII.1952, p. 7
2 *Leħen is-Sewwa*, 2.IX.1953 u tagħrif fil-pussess tal-awtur.
3 Tagħrif fil-pussess tal-awtur.
4 *Il-Mixja*, Nru.301, Sett-Ott 2003, p. 8
5 Tagħrif fil-pussess tal-awtur.
6 Ibid.